**Messaġġ tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Evarist Bartolo**

**7 ta' Mejju 2020**

Il-jum it-tajjeb.

Ħabib tiegħi darba għamilli din il-mistoqsija: x'għandhom komuni dawn il-postijiet?

Andros, Brac, Chios, Corfu, Cres, Djerba, Euboea, Corsica, Crete, Cyprus, Ibiza, Karpathos, Kefalonia, Krk, Lesbos, Limnos, Mallorca, Menorca, Naxos, Rhodes, Samos, Sardinia, Sqallija, Thasos, Zakynthos.

It-tweġiba li ġiet f'rasi kienet: kollha gżejjer żgħar imma wħud minnhom kbar. Ikkoreġieni: huma kollha gżejjer fil-Mediterran, uħud minnhom kbar ħafna, oħrajn ma tantx huma kbar, imma kull waħda minnhom ikbar minn Malta, Ghawdex u Kemmuna f'salt.

25 gżira Mediterranja akbar minn Malta+Għawdex+Kemmuna.

Ukoll akbar minn Malta (inpoġġu l-gżejjer Maltin f'salt) hemm per eżempju: l-Isle of Wight, l-Isle of Man, il-Gżejjer Faeroe, Madeira u l-"gżira" żgħira Ġermaniża/Pollakka ta' Usedom fil-Baħar Baltiku.

Il-ħabib tiegħi li jaf sewwa l-kontinent Ewropew u għex f'diversi pajjiżi fih qalli li ħafna Ġermaniżi (u anki Franċiżi, Svizzeri u oħrajn) jaħsbu li Malta hija ferm akbar milli hi. Aktarx li minħabba l-istorja tagħha jaħsbu li Malta hija ferm akbar milli hi.Jafu li zgħira imma mhux daqshekk zgħira.

Qalli kif f'ħafna mapep Malta jġibuha akbar milli hi. Meta kien jgħid lill-Ġermanizi li Malta hija biss żewġ terzi ta' Usedom (ilkoll jafu l-gżira ta' Usedom fil-Bahar Baltiku) ma kienux jemmnuh jew kienu jkunu sorpriżi ħafna.

Darba ħa sehem f'laqgħa ma' tmien membri tal-parlament Ġermaniż, il-Bundestag, ġejjin minn partiti differenti impenjati biex isalvaw l-immigranti milli jgħerqu fil-Mediterran. Kien immexxi minn Claudia Roth tal-Ħodor.

Fih kien hemm ukoll id-deputat Soċjal Demokratiku Frank Schwabe. Ma riedx jemmen meta ħabibi qallu: taf li Malta izgħar minn Usedom? Schwabe qallu: Jien ġejt Malta u mort Usedom ħafna drabi u naf li Malta hija ferm akbar minn Usedom.

Imbgħad quddiem kulħadd, qabad il-mobile u ċċekkja... ħmar u qal biss "tatsächlich!" (tassew!).

Schwabel għallinqas jemmen li r-rifuġjati għandhom jitqassmu fuq il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt Malta fiha 316 km kwadru u Usedom hija 445 km kwadru. Meta ma jkunux jafu ċ-ċokon ta' pajjiżna u d-daqs tal-popolazzjoni tagħna kif ngħixu ffullati fuq xulxin, malajr ikollna Ewropej sħabna li jaħsbu li qed nagħmlu għaġeb mix-xejn ngħidu li ma nifilħux nieħdu iżjed immigranti milli qed nieħdu.

Fiċ-ċentri tagħna għandna 4,000 u m'għandniex fejn inpoġġu iżjed.

Minn 54 pajjiż Ewropew, aħna r-raba' l-iżjed pajjiż li ngħixu ffullati fuq xulxin. Wara Monako, Ġibilta u l-Belt tal-Vatikan. Minn 195 pajjiż fid-dinja aħna ninsabu fit-tmien post, bħala l-aktar iffullat, mid-dinja kollha.

Bħala proporzjon mad-daqs tagħna qisna qed ngħidu kwazi 6,000,000, sitt miljun ruħ fl-Ewropa.

Imbgħad aħna dawn il-blatiet ċkejknin biss għandna. Jekk Lampedusa tibqa' tfur bl-immigranti kif qed tfur bħalissa, is-Sindku jista' jaqbad it-telefon u jgħid lil Ruma: ejja ħuduhom u poġġuhom f'ċentri mifruxin mal-Italja. Jekk il-Greċja trid tnaqqas in-numru ta' immigranti mgħaffġin fuq xulxin fil-gżira ta' Lesbos, tista' tagħmel ċentri oħra mifruxin mal-Greċja. Imma aħna fejn se npoġġuhom?

Din is-sena biss, fl-ewwel tliet xhur, salvajna u daħħalna 1,200 – erba' darbiet iżjed mis-sena l-oħra fl-istess żmien. U d-dgħajjes għadhom ġejjin. U s-sajf u l-baħar bnazzi għadhom ġejjin. Mhux ta' b'xejn li mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Ġnus Magħquda, mill-Vatikan, mill-għaqdiet volontarji li jaħdmu mal-immigranti kollha jgħidulna li qed inġorru piż iżjed milli nifilħu.

Tajjeb li jtuna raġun. Imma issa bil-fatti x'se jagħmlu biex jgħinuna? U jekk ma jgħinuniex, jridu wkoll li lanqas ngħinu lilna nfusna?

Saħħa u sliem.

**Evarist Bartolo**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, Malta